30 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Vittorio Micallef et. *versus* Antonio Vella**

**Patria Potestà — Inskrizzjoni Ipotekarja — Inventarju — Dekadenza — Art. 167 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-missier li meta tmutlu l-mara jonqos li jagħmel favur uliedu minorenni l-inskrizzjoni legali ġenerali in kawtela ta' l-amministrazzjoni tajba tal-beni li jiġu lil dawk uliedu mis-suċċessjoni ta' ommhom ma jistax jiġi mġiegħel jagħmel dik l-inskrizzjoni, jew inventarju; għax ukoll konformi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li*

*jiġi lilu ordnat li jagħmel dawk l-atti. L-unika sanzjoni tal-liġi għal dak in-nuqqas tal-missier hija d-dekadenza tiegħu mid-drittijiet tal-patria potestà fuq dawk uliedu.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi Dolores Vella, binthom, u ġà mart il-konvenut, mietet fit-2 ta' Novembru 1948, mingħajr testment, u ħalliet superstiti lill-konvenut u erbat itfal minuri, Giuseppe, Francesca, Teresa u Giorgina, aħwa Vella; u illi l-konvenut sa' -lum, avvolja ġie lilu ordnat mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, b'digriet tal-24 ta' Novembru 1948, fuq ir-rikors ta' l-atturi tat-23 ta' Novembru 1948 (dok. A), ma għamilx il-proċeduri meħtieġa biex jiġi reintegrat fid-drittijiet tal-patria potestà, u qiegħed jamministra l-patrimonju ta' l-imsemmija wliedu minuri, bil-perikolu li tiġi minnu distratta d-dota ta' ommhom u dik il-parti li tmisshom mill-wirt tagħha, li ġejja mill-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejn il-konvenut u martu; u illi t-tfal minuri Giuseppe, Teresa, Francesca u Giorgina Vella, fuq imsemmija, għamlu żmien igħixu ma' l-atturi mingħajr ma l-konvenut qatt ma ħaseb jgħaddilhom pensjoni alimentarja; u illi l-lum wieħed biss mill-minuri fuq riferiti għadu jgħix ma' l-atturi, u għalhekk huwa meħtieġ li tiġi fissata pensjoni alimentarja adegwata għall-imsemmi minuri; u illi l-konvenut ma jrid bl-ebda mod jikkumpensa lill-atturi għas-serviġi u prestazzjonijiet oħra li rrendew lill-istess minuri; talbu li (1) fiż-żmien li tistabbilixxi dina l-Qorti l-konvenut jiġi kundannat jagħmel l-inskrizzjoni ipotekarja favur uliedu minuri fuq imsemmija, li jamministra tajjeb u jirrendi kont tal-patrimonju lilhom provenjenti mill-wirt ta' ommhom Dolores Vella, jew minn xi bnadi oħra; (2) u li jagħmel inventarju ta'-ġid ta' l-istess minuri quddiem nutar li jiġi nominat minn dina l-Qorti, u li jaċċetta għan-nom tagħhom l-istess wirt ta' l-imsemmija Dolores Vella bil-benefiċċju ta' l-inventarju; (3) u fin-nuqqas, illi l-konvenut, fiż-żmien li tistabbilixxi dina l-Qorti, jikkonsenja f'idejn tutur li jiġi għal dana l-effett nominat minn dina jew minn Qorti oħra kompetenti, l-effetti kollha mobili, flus, deheb u ħwejjeġ oħra pertinenti lill-wirt ta' ommhom Dolores Vella, u dan sakemm huwa ma jiġix reintegrat fid-drittijiet tal-patria potestà u sakemm ma jkunx ottempera ruħu għall-preskrizzjonijiet mit-

luba fiż-żewġ domandi preċedenti; (4) u li tiġi fissata pensjoni alimentarja gjornaljera li l-konvenut għandu jkun kundannat iħallas lill-atturi għat-tifel minuri li qegħdin iżommu; (5) u illi l-istess konvenut ikun kundannat iħallas lill-atturi għan-nom tagħhom proprju somma ta' flus bħala kumpens għas-servigi u prestazzjonijiet oħra li huma rrendew lil uliedu minuri fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Novembru 1948, u tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut naqas jagħmel favur uliedu l-inskrizzjoni msemmija fl-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili ta' l-ipoteka legali generali li bdiet isseħħ mill-jum li fih mietet l-omm, u kwindi, skond l-art. 176 ta' l-istess Kodiċi, il-patria potestà tiegħu fuq uliedu spiċċat "ipso jure", u għandha tiġi milqugħa t-talba għan-nomina ta' tutur ta' l-istess ulied minorenni;

Illi l-ewwel żewġ domandi ma jistgħux jiġu milqugħa, għaliex mhux konformi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jiġi ordnat lil missier li jagħmel l-attijiet riferiti f'dawk id-domandi. Kif sewwa ssottometta l-konvenut, l-unika sanzjoni komminata mil-liġi kontra l-missier li jonqos jinskrivi l-ipoteka msemmija fl-ewwel domanda hija d-dekadenza tiegħu "ipso jure" mid-drittijiet tal-patria potestà;

Illi t-tielet domanda, in kwantu li tirrigwarda l-konsenja lit-tutur ta' l-effetti mobili, flus, deheb u ħwejjeġ oħra pertinenti lil ulied il-konvenut, għaliex pertinenti lill-wirt ta' ommhom, għandha ssir mit-tutur li jiġi nominat, fil-każ li dan ma ssirx il-konsenja ta' dawk l-effetti;

Illi ma hemmx lok għad-deċiżjoni tar-raba' u tal-ħames domandi, għaliex dawna ġew ritirati...............;

Għal dawn il-motivi;

Ma tieħux konjizzjoni tar-raba' u tal-ħames domandi, għaliex ċeduti;

Tilqa' t-tielet talba in kwantu tirrigwarda n-nomina ta' tutur għall-minorenni fuq indikati, u f'din il-kwalità tinnomina lill-Avukat Dottor Albert Gresh, bid-drittijiet u bil-fa-

koħaj'et u bl-obligi mogħtijin u imposti mil-liġi lil tuturi simili; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tirrespinġi t-talbiet l-oħra; bl-ispejjeż kontra l-atturi.